**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Jannar, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 980/2021**

***CONSILIARIO LEGAL SERVICES LIMITED, KIF DEBITAMENT RAPPREŻENTATA MILL-MANDATARJU SPEĊJALI TAGĦHA L-AVUKAT LOUIS CASSAR PULLICINO***

***VS.***

***W&H BRANDS LIMITED***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar żewġ talbiet imressqa mill-kumpannija attriċi, kif rappreżentata mill-avukat Louis Cassar Pulliċino kontra l-kumpannija W&H Brands Limited skont prokura li tinsab f'paġni 140 sa 142 tal-atti;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fl-4 ta' Ottubru, 2021, il-kumpannija attriċi fissret li hija ġiet imqabbda mill-kumpannija konvenuta sabiex tipprovdilha servizzi legali. Dawn is-servizzi legali ġew imwettqa bejn Settembru u Novembru 2020 u kienu jammontaw b'kollox għas-somma ta' USD$31,031.25, daqs €26,340.41 skont ir-rata ta' kambju applikabbli fis-17 ta' Settembru, 2021;

3. Il-kumpannija attriċi tgħid li ta' xejn li talbet lill-kumpannija konvenuta sabiex tħallas dan l-ammont għas-servizzi mogħtija lilha, għaliex il-ħlas baqa' ma sarx;

4. Għalhekk billi skont il-kumpannija attriċi s-somma ta' €26,340.41 hija ċerta, likwida u dovuta u billi dejjem fil-fehma tal-kumpannija attriċi, l-imsemmija kumpannija konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq kontra din it-talba għall-ħlas, hija talbet lil din il-qorti sabiex:

> *«i. Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *ii. Tikkundanna s-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma globali ta'* ***sitta u għoxrin elf, tliet mija u erbgħin Ewro u wieħed u erbgħin ċentezmu (€26,340.41****)* *flimkien mal-imgħaxijiet dovuti mid-data tal-iskadenza tal-credit term ta' tletin (30) ġurnata kkalkulat mid-data tal-fatturi rispettivi u sad-data tal-pagament effettiv.»*

5. B'digriet kamerali mogħti fil-25 ta' Ottubru, 2021, il-qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors maħluf lill-kumpannija konvenuta u din ġiet mogħtija l-jedd li jekk trid tressaq nota fir-reġistru tal-qorti jew fl-udjenza, sabiex biha tattakka l-proċedimenti magħmula mill-kumpannija attriċi, bħala mhux regolari jew li ma jgħoddux għall-każ, u dan hekk kif jinsab imfisser fl-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fl-istess digriet, il-qorti wissiet lill-kumpannija mħarrka li jekk hija ma tidhirx għas-smigħ, il-qorti kienet sejra tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpannija attriċi, skont l-**artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

6. Il-kumpannija konvenuta ġiet notifikata fit-28 ta' Ottubru, 2021 (ara paġna 143 tal-atti) u ma ressqet l-ebda nota skont l-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex tikkontesta s-siwi ta' dawn il-proċeduri;

7. Fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2021 (ara paġni 144 u 145 tal-atti), dehret l-avukata Tanya Sciberras Camilleri f'isem il-kumpannija konvenuta u dakinhar il-

qorti tat digriet li permezz tiegħu l-kumpannija konvenuta ġiet mogħtija l-jedd li tressaq risposta maħlufa;

8. Din ir-risposta maħlufa ma ġietx imressqa mill-kumpannija konvenuta u sadattant l-avukata Tanya Sciberras Camilleri ppreżentat nota li permezz tagħha hija rrinunzjat għall-patroċinju tal-kumpannija konvenuta (ara paġna 148 tal-atti);

9. Fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2022 ma deher ħadd għall-kumpannija konvenuta u għalhekk peress li l-kumpannija konvenuta la ressqet risposta maħlufa u la dehret għas-seduta, il-qorti rrevokat id-digriet tagħha tat-12 ta' Novembru, 2021 u ordnat li din il-kawża terġa' tinbidel fi proċediment sommarju. Minn hemmhekk il-kawża ġiet posposta għas-sentenza għal-lum;

***Fatti***

10. Kif mistqarr fl-affidavit ta' Greg Richard Mappledoram, direttur u azzjonist tal-kumpannija attriċi (ara paġni 13 sa 17 tal-atti), bejn il-15 ta' Settembru, 2020 u l-5 ta' Ottubru, 2020 ġew iffirmati tliet kuntratti bejn il-partijiet dwar l-għoti ta' servizzi legali. Dawn it-tliet kuntratti ta' ingaġġ jinsabu f'paġni 39 sa 70 tal-atti tal-kawża;

11. Greg Richard Mappledoram stqarr fl-affidavit tiegħu li dawn is-servizzi legali ġew provduti mill-kumpannija attriċi lill-kumpannija konvenuta skont kif maqbul bejn il-partijiet f'dawn il-kuntratti. Fit-2 ta' Novembru, 2020, il-kumpannija attriċi ħarġet kont ta' USD$24,281.25 (ara paġni 71 sa 76 tal-atti tal-kawża) għas-servizzi legali provduti minnha bejn ix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2020, filwaqt li fit-30 ta' Novembru, 2020 ħarġet kont ta' USD$6750.00 (ara paġni 85 sa 88 tal-atti tal-kawża) għas-servizzi legali provduti minnha għax-xahar ta' Novembru, 2020;

12. Minkejja li għaddiet korrispondenza bejn il-partijiet biex jitħallsu dawn iż-żewġ kontijiet, li b'kollox jammontaw għal USD$31,031.25, il-kumpannija attriċi fir-rikors

maħluf u Greg Richard Mappledoram fl-affidavit tiegħu jgħidu li dan il-ħlas baqa' ma twettaqx;

***Konsiderazzjonijiet***

13. Il-proċeduri sommarji (aktar magħrufa bħala l-proċeduri bil-giljottina) imsemmijin fl-**artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** huma minnhom infushom ta' natura eċċezzjonali għaliex dawn jitbiegħdu mill-prinċipju ġenerali tal-liġi li jrid li kawża għandha tinqata' wara li l-qorti tieħu qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet fil-kawża;

14. Kemm hu hekk, fil-proċeduri bil-giljottina l-attur jitlob lill-qorti sabiex hija tgħaddi għas-sentenza tagħha fuq dak li jiġi mressaq lilha mill-istess attur u dan mingħajr il-possibilità ta' kontroll min-naħa tal-parti mħarrka. Għalhekk kif ingħad f'***Emmanuel Bonello v. I.T. Properties Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Diċembru, 2005,

> «*F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tkun mgħobbija b'responsabbilità akbar billi, mingħajr l-intervent tal-kontro parti, hu mistenni minnha li tilqa' t-talba kif proposta*»;

15. Il-liġi tagħti żewġ rimedji lill-imħarrek biex iwaqqaf il-proċeduri sommarji: (i) billi jqajjem permezz ta' nota li għandha tiġi ppreżentata fir-reġistru jew fl-udjenza, li l-proċedura bil-giljottina mressqa mill-attur, «*mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ*»; jew (ii) billi jġib prova *prima facie* li hu għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-mertu (ara ***Carmel Cortis vs. Paul Fenech***, Appell Superjuri tal-11 ta' Mejju, 2015);

16. Il-konvenut huwa ħieles li jinqeda biż-żewġ rimedji flimkien biex il-proċeduri ma jibqgħux bil-giljottina;

17. Jekk issir nota li l-proċedura mressqa mill-attur «*mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ*» u din tiġi milqugħa mill-qorti, allura ma hemmx għalfejn li dik il-qorti tidħol fil-kwistjoni ta' jekk *prima facie* jidhirx li l-konvenut għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-mertu, għax f'dak il-każ il-qorti għandha mill-ewwel tawtorizza lill-konvenut biex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu, kif provdut fl-**artikolu 170(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara *inter alia* ***Wings Couriers Ltd v. L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri et nomine***, Appell Superjuri tas-16 ta' Frar, 2014);

18. Fil-każ tagħna, skont riferta misjuba f'paġna 143 tal-atti, il-kumpannija konvenuta ġiet notifikata bir-rikors maħluf fit-28 ta' Ottubru, 2021;

19. Minn meta twettqet in-notifika, il-kumpannija konvenuta ma ressqet l-ebda nota biex tattakka r-regolarità tal-proċedura li trid tuża' l-kumpannija attriċi biex tinqata' din il-kawża. Barra minn hekk, għalkemm il-kumpannija konvenuta ġiet mogħtija l-jedd li tressaq risposta maħlufa skont il-verbal tat-12 ta' Novembru, 2021 ħalli l-kawża titmexxa b'mod ordinarju, hija ma nqdietx b'din l-opportunità. Dan il-fatt jagħti x'jifhem lill-qorti li l-kumpannija konvenuta ma kinitx sinċiera meta fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2021 qalet lill-qorti li hija kellha eċċezzjonijiet xi tressaq. Li kieku hija kellha tabilħaqq eċċezzjonijiet xi tressaq hija kienet tippreżenta r-risposta maħlufa;

20. Kien sewwasew għalhekk li l-qorti rrevokat id-digriet tagħha tat-12 ta' Novembru, 2021 u reġgħet dawret lura dawn il-proċeduri għall-proċediment sommarju. Tassew, in-nuqqas tal-kumpannija konvenuta li tressaq ir-risposta maħlufa tikkonfema li hija m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq biex tikkontesta t-talbiet attriċi;

21. Għalhekk f'ċirkostanzi bħal dawn, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni min-naħa tal-kumpannija konvenuta din il-qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li tissokta billi timxi billi tilqa' t-talbiet tal-kumpannija attriċi, hekk kif jgħid u jrid l-**artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tilqa'</u>** l-ewwel talba tal-kumpannija attriċi biex tipproċedi għas-sentenza mingħajr smigħ skont l-**artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u

ii. **<u>Tilqa'</u>** t-tieni talba tal-kumpannija attriċi u b'hekk tikkundanna lill-kumpannija W&H Brands Limited tħallas lil Consiliario Legal Services Limited, kif rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avukat Louis Cassar Pulliċino, is-somma ta' €26,340.41, bl-imgħax kif mitlub fir-rikors maħluf sad-data li jitħallas id-dejn kollu;

**<u>Tordna</u>** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri, jitħallsu kollha kemm huma minn W&H Brands Limited.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**